**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 01 ta' Lulju, 2020**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 87/2016 AF**

**Melchior Spiteri**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Melchior Spiteri li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Huwa kien akkuzat b'omicidju volontarju u l-guri tal-kaz, wara l-kompilazzjoni, kellu jibda fl-1 ta' Dicembru 2003. L-atti gudizzjarji relativi jgibu n-numru 5/2002.

Waqt il-kumpilazzjoni, kien hemm talba halli jigi esebit il-computer tal-allegat vittma, Jason Azzopardi, illi fih kien hemm diversi ismijiet ta' nies u dettalji illi maghhom Jason Azzopardi, b'system of conduct, kien oppressiv, abbuziv u sahansitra perikoluz u dana minhabba l-uzura illi minn fuqha Jason Azzopardi kien jistghana. Fost il-klijenti ta' Jason Azzopardi, kien hemm omm ir-rikorrenti Abigail Spiteri, illi kienet infurmat lil binha dwar l-istat ta' biza illi kienet qed tghix fih. Bir-reazzjoni mentali kkawzata, gara l-fatt.

L-esponenti jissottmettu illi ma kellux process gust kif imfisser taht l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll taht l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni, kif se jigi spjegat.

L-ilmenti tar-rikorrenti huma s-segwenti:

1. Ghazla ta' avukat ta' fiducja tieghu.

   Waqt il-kumpilazzjoni, l-esponenti kellu bhala difensur tieghu lill-Avukat sottoskritt. Illi minhabba ragunijiet professjonali, kien hemm rinunzja tal-patrocinju tal-avukat sottoskritt. Meta gie appuntat il-guri, Melchior Spiteri, diversi drabi talab lil Qorti biex jinghata opportunità illi jqabbad Avukati ohrajn illi kienu ta' l-ghazla tieghu u dana ghal ragunijiet validi.

   Minkejja dawn it-talbiet, l-Imhallef Sedenti fil-Qorti Kriminali, ordna illi jigi mahtur l-Avukat tal-Ghajnuna Legali jew is-sostitut tieghu, illi t-tnejn li huma wkoll ghamlu rikors biex jigu ezentati ghar-ragunijiet validi illi kellhom. Kien hemm suggeriment da parti tal-Avukat Dr. Joseph Mifsud, Avukat tal-Ghajnuna Legali ta' dak iz-zmien, illi jigi nominat Dr. Tonio Azzopardi. Illi Dr. Tonio Azzopardi ma kienx l-Avukat tal-ghazla tal-esponenti.

   Illi kif gie impost fuqu, meta huwa kellu l-possibilità illi jahtar avukat tal-ghazla tieghu, irrenda illi b'dak id-dritt sagrosant ta' fiducja li trid tinbena bejn l-akkuzat u l-avukat li jippatrocinjah waqt il-kawza, gie sostitwit bir-rieda tal-

Imhallef illi, jigri x'jigri jibqa' ghaddej bil-kawza skond kif kienet fil-kalendarju tieghu.

Illi d-dritt tal-ghazla tal-Avukat, gie diversi drabi interpretat mill-Qrati taghna, sahansitra li kienet giet dikjarata inkostituzzjonali parti tal-Ligi fil-Kap. 12 u cioè l-Artiklu 77 ta' dak iz-zmien fejn kien hemm divjet, li avukati membri tal-Parlament li jistghu jippatrocinjaw certu kazi. Fil-kaz Sullivan, fil-Qorti Kostituzzjonali Maltija, kienet qalet kemm huwa sagrosant id-dritt tad-difiza specjalment f'materja kriminali u ghalhekk annullat l-effetti tal-Ligi ta' dak iz-zmien u tat l-ghazla libera ta' kull avukat anke jekk membru tal-paralment.

2. Zmien ghat-thejjija tal-kaz.

Illi l-esponenti sofra lezjoni tad-dritt tieghu peress illi anke l-Avukat nominat ma kellux iz-zmien bizzejjed biex ikun jista' jipprepara difiza adegwatament specjalment f'kaz ta' natura bhal din.

L-Awtoritajiet tal-Istat ipprivawh mill-mezz ta' difiza adegwata tieghu. U dana ukoll bi ksur tal-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza finali qalet li l-Avukat imqabbad ma ghamel l-ebda rikors halli jitlob aktar zmien. In-nomina kienet saret car u tond, minkejja r-rikorsi tal-esponenti stess, li l-guri se jsir f'dik id-data, "come what may". Kien ikun inutli da parti tieghu li l-avukat nominat jitlob aktar zmien.

3. Evidenza mizmuma lill-esponenti.

Illi fil-kaz waqt il-kumpilazzjoni kien issemma' l-computer system illi kellu Jason Azzopardi illi kien fih elenku u dettalji u informazzjoni dwar in-nies illi kienu vittmi tal-uzura tal-istess Jason Azzopardi u li kienu jistghu jixhdu u isahhu t-tezi tal-esponenti illi bl-agir tieghu. Jason Azzopardi kien

provokattiv fis-sens tal-ligi penali specjalment f'dak illi huwa meqjus bhala provokazzjoni fil-Kodici Kriminali kif kienet dak iz-zmien u cioè taht il-kliem "agitazzjoni tal-mohh". Il-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha, semmiet bhala li haditu in konsiderazzjoni ghal piena, imma l-effett tal-provokazzjoni illi kienet ippruvata kellha tkun iktar imsahha bis-system of conduct lejn nies illi l-esponenti kellu d-dritt li jtella' bhala xhieda kieku dak li talab, il-computer jigi ezaminat, sehh.

Minkejja li saret din it-talba, l-Avukat Generali immedjatament flok ghamel id-discovery of documents illi d-difiza ghandha dritt ghalihom, qabad u pprezenta l-att tal-akkuza u ghalhekk ma kienx aktar possibbli illi ssir il-perizja fuqu, tittiehed l-informazzjoni li kien hemm bzonn minn fuq l-istess computer u konsegwentement ma kienx possibbli ghalih illi jindika bhala xhieda nies illi kienu imsemmijin fl-istess computer.

In-nuqqas tal-Awtoritajiet, illi jaghtu l-opportunitajiet lid-difiza illi tkun taf il-provi kollha illi hemm favur jew kontra taghha jew li jistghu jiswew ghalina giet diversi drabi ikkundannata mill-Qorti Ewropeja.

4. Interferenza tal-Imhallef fuq xhud.

Ilment iehor huwa dwar l-atteggjament lejn ix-xhud Gorgina Farrugia li giet imwissija li se tintbaghat il-habs fuq ix-xhieda taghha u effettivament tnizzlet il-lockup u dan quddiem il-gurati. L-effett ta' tali procedura uzata huwa uzurpazzjoni tal-poteri tal-gudikant fil-guri, ghax fil-fatt ikun qed juri b'mod manifest li x-xhud mhux qed titwemmen minnu, u ghalhekk lanqas ghandha titwemmen mill-gurati. Dan meta huma l-gurati fuq ix-xhieda li jisimghu li ghandhom dritt jiznu lix-xhud. It-tieni raguni, li tolqot il-fair trial, hija li x-xhud ghandu jkun fil-libertà li jixhed, u mhux kostrett li jghid dak li joghgob lill-gudikant. Jekk l-interruzzjonijiet lill-avukat tad-difiza gew meqjusa mill-Qorti Ewropea bhala li jattakkaw il-fairness tal-process, multo magis ikun dan meta x-xhud flok tixhed dak

li taf hi, jkollha tbiddel il-versjoni halli tevita l-arrest jew konsegwenzi aghar ukoll. Huwa bizzejjed ghall-ligi li l-gurament jinghata lix-xhud li jifhem x'inhu l-gurament u l-konsegwenzi tieghu.

Illi kull wiehed minn dawn l-ilmenti, u specjalment mehuda flimkien, iwasslu ghall-konkluzjoni li l-esponenti ma kellux fair trial tul il-proceduri li ntemmu bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fit-28 ta' Frar, 2008.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li fil-konfront tal-esponenti fil-proceduri 5/2002 fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Melchior Spiteri mitmuma fit-28 ta' Frar, 2008, kien hemm lezjoni tal-process gust "fair trial" protett mill-artiklu 6(1) u l-artiklu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-artiklu 39(1) u (6)(b)(c) u (d) tal-Kostituzzjoni.

2. Taghtih rimedju effettiv li jinnewtralizza l-effetti tal-vjolazzjonijiet imsemmija, jew itaffi l-istess effetti.

3. Taghtih kumpens ghad-danni morali subiti.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

In linea preliminari, it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors Promotur fic-cirkostanzi odjerni, ghandhom jigu michuda peress li a kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat mir-rikorrent, fil-kaz tar-rikorrent ma kien hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet tieghu kif sanciti fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea u dan ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

(i) Illi jirrizulta mill-fatti tal-kaz li fit-28 ta' Frar 2008, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali cahdet l-appell intavolat mir-rikorrent

li jidher li kien impernjat fuq erba aggravji li *del resto* jiffiguraw fil-lanjanzi odjerni u ikkonfermat s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-intier taghha, wara li l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat fid-dettal l-erba' aggravji tar-rikorrent b'mod ezawrenti u tat ragunijiet dettaljati ghaliex l-istess aggravji kif esposti mir-rikorrent ma kienux intlaqghu mill-istess Qorti. Ghalhekk, certament ma jistax jinghad li l-lanjanzi tar-rikorrent jreggu fic-cirkostanzi odjerni stante li ma tirrizulta ebda prova in atti li fil-proceduri in kwistjoni b'xi mod inkiser id-dritt tar-rikorrent a bazi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

(ii) Illi mill-atti tal-imsemmija proceduri kriminali jirrizulta li r-rikorrent ma ghamel l-ebda ilment matul il-proceduri kriminali, jekk deherlu li kien allegatament soggettat ghal process li ma kienx gust u issa biss li l-proceduri Kriminali fil-konfront tieghu huma *res judicata,* huwa ghogbu jqajjem dawn il-lanjanzi. Fil-fatt, wara erbatax-il sena minn meta inharget l-Att tal-Akkuza li iggib in-numru ta' referenza 5/2002 fil-konfront tieghu, u issa wara li l-proceduri kontrih ilhom *res judicata* ghal iktar minn tmien snin, ir-rikorrent ghazel li jattakka l-imsemmija proceduri kriminali ghax allegatament inkisrulu d-drittijiet fundamentali tieghu ghal process gust;

(iii) Illi l-esponent jirrileva li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent ma jistghux jittiehdu wahedhom u barra mill-kuntest tal-proceduri kollha fit-totalita taghhom u sabiex wiehed jasal ghall-konkluzjoni jekk kienx hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq f'dan il-kaz partikolari, hu mehtieg li jsir apprezzament tal-process kriminali tar-rikorrent fl-interezza tieghu u mhux unikament f'mumenti isolati fl-istess proceduri;

(iv) Illi c-cirkostanzi in ezami jirreferu ghal proceduri li huma *res judicata* fejn kien hemm provi ohra sufficjenti inkriminanti li ikkoraboraw il-kaz tal-Prosekuzzjoni u dan anke kif jidher mid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Frar, 2008, li ikkonfermat d-decizjoni tal-Qorti Kriminali tal-31 t'Ottubru, 2003 fl-intier taghha. Illi l-esponent jissottometti li bid-dovut rispett, jirrizulta car mill-atti li l-Qrati koncernati iddecidew il-kaz tar-rikorrent wara li gharblu l-provi kollha tal-kaz skont ir-rekwiziti tal-ligi u tal-gustizzja u ghalhekk fil-kaz tar-rikorrent m'ghandu jirrizulta ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-

Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni fil-konfront tar-rikorrent;

(v) Illi mill-atti tal-proceduri kriminali in kwistjoni, lanqas ma jirrizulta li r-rikorrent *ilmenta mill-Avukat Difensur tieghu* u/jew *li l-istess Avukat Difensur ma kellux zmien ghat-thejjija tal-kaz* u/jew li *kien hemm xi evidenza li allegatament giet mizmuma mir-rikorrent* u/jew *kien hemm xi interferenza tal-Imhallef Sedenti fuq xi xhud*, kif qed jigi allegat fir-Rikors Promotur u huwa car li r-rikorrent konvenjentament qed jislet episodju mill-proceduri kriminali in dizamina sabiex jittenta jixhet dell ikrah fuq l-Imhallef sedenti u fuq kif tmexxew il-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent;

(vi) Illi finalment, *dato ma non concesso* li gew lezi d-drittijiet tar-rikorrent kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, haga li l-esponent qed jikkontesta, l-esponent jissottometti li fic-cirkostanzi odjerni, dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti, tenut kont tal-fatt li l-Qorti koncernata mexxiet il-guri b'mod gust u ghamlet l-indirizz taghha lill-gurati korrettament u skont id-dettami tal-ligi u tal-gustizzja. Inoltre, jirrizulta ukoll mill-atti li sussegwentement il-Qorti tal-Appell Kriminali ukoll mexxiet il-proceduri tal-appell b'mod gust u skont id-dettami tal-ligi u tal-gustizzja;

(vii) Illi ikun opportun li jigu allegati l-atti tal-proceduri kriminali kontra r-rikorrent (Ref. 5/2002) fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v Melchior Spiteri)* sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha quddiemha l-isvolgiment tal-istess proceduri kriminali fl-intier taghhom;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent jissottometti bir-rispett li t-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur m'ghandhomx jigu akkolti minn dina l-Onorabbli Qorti stante li fic-cirkostanzi odjerni, m'ghandu jirrizulta ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif qed jigi allegat tmien snin wara li s-sentenza saret *res judicata*; bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2017, ġiet milqugħa t-talba tar-rikorrent għall-allegazzjoni tal-atti tal-proċeduri kriminali fl-

ismijiet Ir-Repubbblika ta' Malta vs Mechior Spiteri, deċiżi finalment fit-28 ta' Frar 2008.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikoli 39(1) u (39)(6)(b), (c) u (d) tal-Kostituzzjoni matul il-proċeduri kriminali fl-ismijiet Ir-Repubbblika ta' Malta vs Melchior Spiteri, deċiża mill-Qorti Kriminali fid-9 ta' Diċembru 2003 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar 2008. Ir-rikorrent instab ħati mill-Qorti Kriminali tal-omiċidju volontarju ta' Jason Azzopardi u ta' dan ir-reat ġie kundannat 30 sena priġunerija.

L-artikolu 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea jaqraw hekk:

> *"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b' liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*.
>
> ....

*Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
*(ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;"*

Ir-rikorrent jinvoka wkoll l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Id-disposizzjonijiet rilevanti jaqraw hekk:

*"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

39(6) *Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*

*....*

*(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
*(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;*
*(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni;"*

Il-Qorti tibda billi ttenni li huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea li l-funzjoni ta' din

il-Qorti mhijiex li tagħmilha ta' qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' qrati oħra. Kif spjegat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali tal-Fgura et, deċiża fit-8 ta' Jannar 2010:

> "*Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim'Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b'mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti*."

L-istess Qorti, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet J.E.M. Investments vs Avukat Ġenerali, tat-30 ta' Settembru 2011 qalet:

> "*23. Illi kif tajjeb osservat il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-socjetà rikorrenti, id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*
>
> *24. Effettivament il-Qorti Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem dejjem sostniet li:*
>
> > *a. "The question whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under its so called "fourth instance formula", it has no general jurisdiction to*

*consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings". (Application 6172/73, X v. U.K.)*

*Jinghad ukoll li:*

*b. "It is primarily for the national law to lay down rules on the admissibility of evidence and for the national court to assess the evidence which is adduced."*

*Izda gie precizat li:*

*c. "Notwithstanding the general statements above, the Commission stated that it would intervene where the assessment of evidence disclosed gross unfairness or arbitrariness. (Applikazzjoni: 7987/77). What this means in practice has not been explored. The fact that a judge prefers the evidence of a particular witness is unlikely to be sufficient, unless his stated reasons for doing so disclose a fundamental unsoundness. (Schuler–Zgraggen v Switzerland 1993).""*

Finalment, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emmanuel Camilleri vs Avukat Ġenerali, tat-28 ta' Ġunju 2012 irriteniet:

*"Illi huwa opportun hawnhekk li l-Qorti taghmel referenza ghal ktieb ta' Jacobs and White, The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f'pagna 140, fejn l-awturi jikkummentaw fuq l-hekk imsejha "fourth instance" doctrine, u l-kuncett zbaljat li jezisti dwar is-sistema tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti qed tislet minn dan il-ktieb dawn il-principji:*

*1. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts.*

*2. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole,*

*were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention.*

*3. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on.*

*4. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be.*

*5. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts."*"

Hu prinċipju assodat ukoll li d-determinazzjoni tal-eżistenza o meno ta' leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq jinneċessita eżami tal-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi fit-totalità tagħha. Fil-każ ta' Anthony Zarb et vs Il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali et, tas-16 t' Ottubru 2002, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

*"…huwa risaput minn studju tal-gurisprudenza in materja, li biex tigi deciza il-kwistjoni jekk inghatax smiegh xieraq jew le, skond l-artikoli Kostituzzjonali citati qabel, wiehed ma jistax, u ma ghandux, semplicement jiffoka fuq xi parti biss tal-process gudizzjarju u jekk isib kwalunkwe nuqqas ikun x'ikun, allura wiehed inezorabilment ikollu jikkonkludi li l-process gudizzjarju kollu hu konsegwentement vizjat. Invece, biex wiehed jasal ghal decizjoni jekk kienx hemm ksur tad-dritti fondamentali ghal smiegh xieraq, ikun mehtieg li l-"iter" shih tal-process gudizzjarju jigi analizzat. Il-valutazzjoni trid issir fuq l-assjem tal-elementi kolha li jifformaw il-process gudizzjarji, ghax hu biss minn tali valutazzjoni komprensiva li wiehed jista' jasal kien ragjonevolment jiddeciedi jekk kienx hemm vjolazzjoni ta' l-imsemmi dritt fondamentali."*

Stabbilit dan kollu, il-Qorti ser tindirizza l-lanjanzi tar-rikorrent. L-ewwel ilment tar-rikorrent huwa fis-sena li ma setax jinkariga l-avukati tal-għażla tiegħu bħala difensuri tiegħu. Waqt il-ġuri, ir-rikorrent kien assistit mill-Avukat Dottor Tonio Azzopardi bħala Avukat tal-Għajnuna Legali peress illi l-avukat tiegħu rrinunzja għall-patroċinju wara li ġie appuntat il-ġuri. Jirriżulta mill-atti li permezz ta' rikors tat-13 ta' Novembru 2003, ir-rikorrent kien talab lill-Qorti Kriminali tiddiferixxi l-ġuri għaliex xtaq li jinkariga avukati ġodda li kellhom bżonn aktar żmien sabiex jistudjaw il-każ. Permezz ta' digriet ta' dakinhar stess, il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba tar-rikorrent u ordnat li minflok jiġi nominat Avukat tal-Għajnuna Legali.

Fil-każ ta' Croissant v Germany, tal-25 ta' Settembru 1992, il-Qorti Ewropea qalet hekk:

> *"It is true that Article 6 para. 3 (c) (art. 6-3-c) entitles "everyone charged with a criminal offence" to be defended by counsel of his own choosing (see the Pakelli v. Germany judgment of 25 April 1983, Series A no. 64, p. 15, para. 31). Nevertheless, and notwithstanding the importance of a relationship of confidence between lawyer and client, this right cannot be considered to be absolute. It is necessarily subject to certain limitations where free legal aid is concerned and also where, as in the present case, it is for the courts to decide whether the interests of justice require that the accused be defended by counsel appointed by them. When appointing defence counsel the national courts must certainly have regard to the defendant's wishes; indeed, German law contemplates such a course (Article 142 of the Code of Criminal Procedure; see paragraph 20 above). However, they can override those wishes when there are relevant and sufficient grounds for holding that this is necessary in the interests of justice."*

Fi kliem il-Qorti, *'...avoiding interruptions or adjournments corresponds to an interest of justice which is relevant in the present context and may well justify an appointment against the accused's wishes.'*

Hekk ukoll, fil-każ ta' Mayzit v Russia, tal-20 ta' Jannar 2005, intqal:

> "*64. In examining questions under Article 6 § 3 (c) the Court takes account of the treatment of the defence as a whole rather than the position of the accused taken in isolation, with particular regard to the principle of equality of arms as included in the concept of a fair hearing.*
>
> *65. Article 6 § 3 (c) guarantees that proceedings against the accused will not take place without an adequate representation for the defence, but does not give the accused the right to decide himself in what manner his defence should be assured. The decision as to which of the two alternatives mentioned in the provision should be chosen, namely the applicant's right to defend himself in person or to be represented by a lawyer of his own choosing, or in certain circumstances one appointed by the court, depends upon the applicable legislation or rules of court (see X v. Norway, no. 5923/72, Commission decision of 30 May 1975, Decisions and Reports DR 3, p. 43).*
>
> *66. Notwithstanding the importance of a relationship of confidence between lawyer and client, the right to choose one's own counsel cannot be considered to be absolute. It is necessarily subject to certain limitations where free legal aid is concerned and also where it is for the courts to decide whether the interests of justice require that the accused be defended by counsel appointed by them. When appointing defence counsel the national courts must certainly have regard to the defendant's wishes. However, they can override those wishes when there are relevant and sufficient grounds for holding that this is necessary in the interests of justice (see Croissant v. Germany, judgment of 25 September 1992, Series A no. 237-B, § 29).*
>
> *67. The State cannot be held responsible for every shortcoming on the part of a lawyer appointed for legal-aid purposes. The competent national authorities are required under Article 6 § 3 (c) to intervene only if a failure by legal-aid counsel to provide effective representation is manifest or*

*sufficiently brought to their attention in some other way (see Kamasinski v. Austria, judgment of 19 December 1989, Series A no. 168, § 65)."*

Il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba tar-rikorrent għaliex l-akkoljament tagħha kienet neċessarjament titlob li jitwalu l-proċeduri. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt illi t-talba tiegħu għal differiment ġiet miċħuda u minflok ġie assenjat Avukat tal-Għajnuna Legali ma jfissirx illi huwa ma ngħatax smigħ xieraq. Ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova dwar kif, skont hu, l-għażla tad-difensur impinġiet fuq id-drittijiet fundamentali tiegħu fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, fejn kien ir-rikorrent li talab li jibdel id-difensur tiegħu wara li ġie appuntat il-ġuri.

Relatat mal-ewwel ilment tiegħu, huwa t-tieni ilment tar-rikorrent fis-sens illi l-Avukat tal-Għajnuna Legali ma kellux biżżejjed żmien sabiex iħejji difiża adegwata. Madanakollu, dan l-ilment ma tressaqx quddiem il-Qorti Kriminali.

Fid-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Jannar 2006 dwar l-ammissibiltà tal-ilment, fil-każ ta' Z v Latvia, il-Qort ta' Strasbourg kienet qalet proprju hekk:

*"Regarding the applicant's allegations that his defence counsel defended him in an ineffective manner, the Court recalls that the conduct of a lawyer does not per se engage the responsibility of the State and that the competent authorities are only required to intervene when failure by legal aid counsel to provide effective representation is manifest or sufficiently brought to their attention in some other way (see Kamasinski v. Austria, judgment of 19 December 1989, Series A no. 168, § 65). The Court notes that the applicant was represented before both the first and appeal instance court by a professional advocate, a member of the Latvian Bar Association as required by Article 96 of the Law on Criminal Procedure. Further, even assuming that the applicant exhausted domestic remedies in respect of the facts complained of, nothing in the documents submitted supports the applicant's allegations that he was not provided with adequate assistance, or that he was forced to accept a legal representative who acted contrary to his interests in*

*some way. The applicant's general apprehensions are not sufficient to cast doubt on the effectiveness of his representation and engage the State's responsibility under Article 6 § 3 (c). It follows that this part of the application must be rejected as being manifestly ill-founded, pursuant to Articles 35 §§ 3 and 4 of the Convention."*

Rilevanti wkoll huwa dak li ntqal fil-każ ta' Twalib v Greece, tad-9 ta' Ġunju 1998:

*"There were therefore serious shortcomings in the fairness of the proceedings at first instance which may have adversely affected the position of the applicant.*

*41. However, it must be observed that, on appeal, when he was represented by a different lawyer, the applicant challenged his conviction and sentence before the five-judge Chamber of the Athens Court of Appeal, which was empowered to examine all questions of fact and of law arising in the case and to quash the impugned judgment (see paragraph 14 above; and the Belilos v. Switzerland judgment of 29 April 1988, Series A no. 132, pp. 31–32, § 72). It does not appear from the evidence that the applicant's lawyer contended on appeal that the conviction was unsafe and that a retrial should be ordered on account of the defects in the applicant's representation at first instance; nor is there any clear indication that the appellate court could assume that there had been a defect in the first-instance proceedings without being alerted to the matter (see the Kerojärvi v. Finland judgment of 19 July 1995, Series A no. 322, p. 16, § 42).*

*42. Be that as it may, the five-judge Chamber of the Athens Court of Appeal – with full competence to consider questions of both fact and law – reached its conclusion after having held a hearing, at which the applicant and his counsel were present. Given that the applicant had the opportunity to raise the alleged deficiency at the appeal hearing and that there is nothing to suggest that the fairness of the appeal proceedings could be called into question, the Court finds*

> *that there has been no violation of Article 6 § 1 in conjunction with paragraph 3 (b) in the instant case.*"

Dan l-ilment kien proprju wieħed mill-aggravji li r-rikorrent ressaq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, iżda kif sewwa qalet dik il-Qorti:

> "*Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju huwa fieragh precizament peress illi l-ilment li qieghed jitressaq quddiemha permezz ta' dan l-aggravju ma jidhirx li kien jezisti meta d-difensur ta' l-appellant gie nominat. Dan qieghed jinghad peress illi ma tirrizulta ebda talba mid-difensur biex jinghata ftit aktar zmien sabiex ikun jista' jaghmel "thejjija kompleta". Ta' min jghid illi mill-atti jirrizulta illi l-appellant kien originarjament ippatrocinat mill-Avukat Dottor Joseph Brincat. Meta gie appuntat il-guri, jidher illi l-familjari ta' l-appellant inkarigaw l-Avukat Dottor Emmanuel Mallia u l-Avukata Dottor Giannella Caruana Curran biex jiddefenduh. B'rikors ta' l-appellant tat-13 ta' Novembru 2003 però l-appellant talab li l-guri jigi differit sakemm dawn l-avukati jistudjaw il-kaz peress li kienu mpenjati b'xoghol iehor. Dik il-Qorti cahdet it-talba u nnominat lill-Avukat ghall-Ghajnuna Legali li talab li jigi ezentat (rikors ta' l-Avukat Dottor Joseph Mifsud tad-19 ta' Novembru 2003) peress li kien ghamel zmien bhala l-Avukat tal-mejjet Jason Azzopardi u rrakkomanda li jigi nominat l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi, kif fil-fatt sar. Ta' min jghid ukoll illi mill-atti l-anqas ma jirrizulta illi meta beda l-guri gie rregistrat xi verbal dwar il-htiega tad-difiza ta' aktar zmien sabiex tipprepara ruhha. Id-difiza fil-fatt setghet, kieku riedet, almenu tirregistra l-fatt li kellha biss madwar ghaxart ijiem sabiex tistudja l-kaz; izda minn dan ma ghamlet xejn. Konsegwentement il-konkluzjoni ta' din il-Qorti hi li d-difiza hasset li kellha zmien sufficjenti biex thejji ruhha ghall-guri u ghalhekk dan l-aggravju huwa respint*."

Din il-Qorti m'għandhiex wisq xi żżid. Bl-ebda mod ma ġie muri li r-rikorrent sofra xi preġudizzju għaliex id-difensur tiegħu ma kellux biżżejjed żmien sabiex jistudja l-każ u jħejji d-difiża. Li kieku dak li jgħid ir-rikorrent kien minnu, huwa jew id-difensur

tiegħu kienu jitkellmu quddiem il-Qorti Kriminali u mhux jistennew li l-ġuri jintemm, u jgħaddu snin twal.

L-ilment li jmiss jikkonċerna allegazzjoni li r-rikorrent ma ngħatax l-opportunità jikseb informazzjoni dwar il-vittmi ta' Jason Azzopardi sabiex huwa seta' jressaq aktar xhieda bl-għan li jsaħħaħ id-difiża tiegħu tal-aġitazzjoni tal-moħħ.

Kif osservat il-Qorti Ewropea fil-każ Van Mechelen and Others v The Netherlands, tat-23 ta' April 1997:

> "*The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law, and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as whole, including the way in which evidence was taken, were fair.*"

L-ewwel u qabel kollox, din il-Qorti tibda billi tgħid li ma jirriżultax li r-rikorrent għamel riferenza għall-informazzjoni dwar il-vittmi miżmuma fuq dan il-komputer fil-kors tal-proċeduri kriminali impunjati. Din il-Qorti mhijiex qiegħda hawn sabiex tikkoreġi żbalji tar-rikorrent li saru fil-kors tal-proċeduri kriminali. Jekk ried informazzjoni minn fuq dan il-komputer, huwa kellu mezzi legali sabiex jottjeni l-informazzjoni li kellu bżonn, u mhux jippretendi li din il-Qorti terġa tiftaħ proċeduri kriminali minħabba fin-nuqqas tiegħu.

Iżda aktar minn hekk, fil-fehma tal-Qorti, din l-informazzjoni minn fuq il-komputer ta' Jason Azzopardi ma kinietx ser tgħin lir-rikorrent jirnexxi fid-difiża tal-provokazzjoni u tal-aġitazzjoni tal-moħħ għaliex dawn id-difiżi kienu t-tnejn mqiegħda quddiem il-ġurati u l-Qorti tal-Appell Kriminali. Id-difiża ta' leġittima difiża u provokazzjoni ġew ampjament trattati u l-ġurati ma kellhomx bżonn jisimgħu r-rakkonti tad-diversi vittmi ta' Jason Azzopardi biex jilħqu l-verdett tagħhom. F'għajnejn il-ġurati ma setax kien hemm l-iċken dubju li Jason Azzopardi kien raġel vjolenti u perikoluż iżda d-difiża tar-rikorrent xorta waħda ġiet riġettata, kif ġiet riġettata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali. L-

informazzjoni li setgħet titressaq permezz ta' dan il-komputer għalhekk titlef ir-relevenza tagħha fil-kuntest tal-assjem tal-provi dwar il-vittma u l-agir tieghu.

Finalment, ir-rikorrenti jilmenta mill-fatt illi quddiem il-ġurati, l-Imħallef sedenti ddikjara li huwa ma kienx qiegħed jemmen lix-xhieda Georgina Farrugia u Redent Muscat u a tenur tal-artikolu 522 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, żammhom taħt arrest sakemm kienu lesti jgħidu l-verità.

Mill-atti jirriżulta li dawn iż-żewġ xhieda kienu xehdu mod quddiem il-Qorti tal-Maġistrati waqt il-kumpilazzjoni tal-provi kontra r-rikorrent u mod ieħor matul il-ġuri. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-intervent tal-Qorti Kriminali kien ġustifikat u bl-ebda mod ma jwassal għal leżjoni tad-dritt tar-rikorrent li jkollu smigħ xieraq. Huwa d-dmir tal-Imħallef li jippresjedi l-ġuri li, sa fejn huwa possibbli, jikxef il-verità, sabiex dik il-verità titpoġġa quddiem il-ġurati li imbagħad jiddeċiedu dwar il-ħtija o meno tal-akkużat. Ma kien hemm l-ebda interferenza tal-Imħallef li wassal lix-xhieda sabiex jibdlu l-verżjoni tagħhom, dan għamluh volontarjament.

Għalhekk, u wara li fliet bir-reqqa l-atti proċedurali impunjati, din il-Qorti tasal sabiex taqbel mal-intimat li tul il-proċeduri kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Melchior Spiteri, att tal-akkuża numru 5/2002, ir-rikorrent ingħata smigħ xieraq bil-garanziji kollha tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

IMHALLEF

DEP/REG